# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

***Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)***

---

**Illum il-25 ta' Frar 2020**

Appell numru 232 tal-2019

**Il-Pulizija**
**vs**
**Johan MICALLEF**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-20 ta' Lulju 2019 fil-konfront ta' Johan MICALLEF, karta tal-identità bin-numru 173575M li ġie mixli talli nhar id-19 ta' Lulju 2019 għall-ħabta tal-1130 ġewwa l-bini tal-Qorti ta' Malta fil-Belt Valletta:

i. fil-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali quddiem il-Maġistrat Dr. Monica Vella LL.D. ta xiehda falza fi proċeduri kriminali dwar suġġett għall-piena akbar mill-

piena ta' priġunerija għal żmien sentejn sew kontra kemm favur il-persuna akkużata skont l-artikolu 104(1) tal-Kodiċi Kriminali.

ii. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ħalef falz quddiem il-Maġistrat Dr. Monica Vella LL.D. li kellha s-setgħa bil-liġi li tagħti l-ġurament skont l-artikolu 108(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali.

iii. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi irrenda ruħu reċediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali liema sentenzi saru definittivi u li ma jistgħux jinbidlu.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra t'esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif kontemplat fl-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, fuq l-ammissjoni *volontarja u nkondizzjonata* tal-imputat sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu għall-piena ta' sentejn priġunerija.

3. Illi minn din is-sentenza Johan MICALLEF interpona appell li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha u tilliberah mill-imputazzjonijiet miġjuba kontra

tiegħu u fin-nuqqas tagħti sentenza aktar ekwa u ġusta. Dan għar-raġunijiet segwenti : -

a. Li wara li saret il-kawża l-avukati tal-appellanti saru jafu li l-appellanti jsofri infermita mentali b'mod li ma kienx f'posizzjoni li jixhed bil-ġurament u b'hekk huwa ma setgħa qatt jiġi misjub ħati in vista ta' din l-infermita mentali;
b. Fi kwalunkwe każ il-piena imposta kienet esaġeratament gravuża u l-Qorti, għalkemm ma setgħetx tingħata sentenza ta' priġunerija sospiża minħabba l-addebitu tar-reċidiva kif ukoll li piena imposta kienet il-minima li setgħet tiġi inflitta, l-istess qorti setgħet timponi l-piena ta' probation jew servizz fil-komunita.

***Ikkunsidrat :-***

4. Illi matul l-analiżi tal-proċess minn din il-Qorti irriżulta li l-appellant ġie mixli, ammetta, u ġie misjub ħati tar-reati fl-artikoli 104(1), 108(1) u 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali.

5. Illi l-artikolu 104 tal-Kodiċi Kriminali jgħid hekk : -

> 104.(1) Kull min jagħti xiehda falza fi proċeduri kriminali dwar delitt suġġett għall-piena akbar mill-piena ta' priġunerija għal żmien sentejn, sew kontra kemm favur il-persuna imputata jew akkużata, jeħel, meta jinsab ħati, minn sentejn sa ħames snin priġunerija.
>
> (2) Iżda, jekk il-persuna akkużata tiġi ikkundannata għal piena akbar mill-piena ta' priġunerija għal żmien ħames snin, ix-xhud li jkun ta x-xiehda falza kontra dik il-persuna fil-kawża, jew, li mix-xiehda tiegħu jkun sar użu kontra il-persuna akkużata f'dik il-kawża, jeħel dik il-piena akbar.[1]

---

[1] Imbagħad l-artikolu 105 tal-Kodiċi Kriminali jżid :

6. Mill-banda l-oħra l-artikolu 108 tal-Kodiċi Kriminali jisħaq li :

> 108.(1) Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, jaħlef il-falz quddiem imħallef, maġistrat jew quddiem uffiċjal ieħor li jkollu s-setgħa b'liġi li jagħti l-ġurament, jeħel, meta jinsab ħati –
> (a) il-piena ta' priġunerija minn erba' xhur sa sena, jekkil-ġurament ikun meħtieġ mil-liġi, jew ordnatb'sentenza jew b'digriet ta' waħda mill-qrati ta' Malta;
> (b) il-piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn tliet xhur, jekk il-ġurament ma jkunx hekk meħtieġ jewordnat.
>
> (2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jgħoddux għall-ġuramenti promissorji.

7. Skont il-Liġi, id-dottrina kif ukoll il-ġurisprudenza patrija, sabiex jirriżulta r-reat ta' sperġur in sede penale, jeħtieġ qabel xejn li persuna tixhed il-falz fi proċeduri kriminali. Skont in-Noti tal-Professur Sir Anthony Mamo dan ifisser li biex iseħħ ir-reat ta' *legal perjury* irid ikun hemm xiehda falza mogħtija fil-kors ta' *a cause* – proċeduri kontenzjużi li jwaslu għal sentenza. Kwalunke xiehda falza oħra mhux f'dan il-kuntest tista' taqa' taħt ġurament falz ossija *extra-judicial perjury*. Fl-appell kriminali ***Il-Pulizija vs Abdellatif Marsouki Hachemi Beya Bent*** deċiż nhar it-22 t'Ottubru 2001 ġie mistqarr is-segwenti :

> Tezisti distinzjoni bejn ir-reat ta` spergur (testimonjanza falza jew `legal perjury`) u r-reat ta' gurament falz (`extra judicial perjury`). Bazikament, id-differenza hi li min jixhed falz waqt kawza (ai termini ta' l-Artikoli 104{1} u 105) ma jitqiesx mil-ligi li dak l-agir tieghu jikkostitwixxi biss 'gurament falz', sic et simpliciter, izda jikkostitwixxi 'spergur', cioe', falza testimonjanza; mentre min jiehu gurament falz f'dawk l-okkazzjonijiet l-ohra li mhumiex waqt kawza (ai termini ta' l-Artikolu 108 {1} tal-Kap.9), hemm ikun qed jiehu gurament falz, izda ma jkunx qed jikkommetti d-delitt aktar serju ta' spergur fi-kontest ta' l-imsemmija Artikoli 104 (1) u 105. Sabiex ikun hemm ir-reat ta` spergur ix-xhieda falza trid tkun

Kull min jagħti xiehda falza fi proċeduri kriminali dwar reat mhux imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, sew kontra kemmfavur il-persuna imputata jew akkużata, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn disa' xhur sa sentejn.

> inghatat fi proceduri fejn hemm persuna akkuzata. Irid mela jkun hemm necessarjament 'a criminal charge to be answered'. Ghalhekk fost l-elementi mehtiega sabiex jissussisti dan ir-reat ta' spergur taht l-Artikoli 104 (1) u 105 tal-Kap. 9, necessarjament tali xhieda falza trid tkun giet moghtija fil-kors ta' proceduri kriminali fejn hemm persuna akkuzata b'reat u fejn irid jigi diterminat jekk dik il-persuna hiex kriminalment responsabbli jew le ghal dak li hi akkuzata bih.

8. L-elementi tar-reat tal-isperġur huma essenzjalment l-istess kemm jekk ix-xiehda falza tingħata fi proċeduri kriminali kemm jekk tingħata fi proċeduri ċivili. Id-differenza f'dawn il-każijiet tkun fil-piena li għandha tiġi inflitta. Iżda jekk ix-xiehda falza tiġi mogħtija fi proċeduri mhux kontenzjużi, bħal meta tingħata quddiem Maġistrat Inkwirenti, dik ix-xiehda falza ma tistax titqies li tintegra r-reat ta' sperġur. F'dak il-każ min jaħlef il-falz jista' jiġi misjub ħati tar-reat minuri fil-piena, iżda daqstant serju fis-sustanza tiegħu, tal-ġurament falz. Dan joħroġ ukoll mill-istess appell ***Abdellatif Marsouki Hachemi Beya Bent*** aktar il-fuq imsemmi fejn intqa li *Inkjesta Magisterjali ma taqghax fid-definizzjoni ta' proceduri kriminali ai fini ta' l-imsemmija Artikoli.*

9. Fl-appell kriminali superjuri ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Nikola sive Nicholas Cutajar*** deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju 1996 wara li dik il-Qorti ħadet ukoll in konsiderazzjoni is-sentenza mogħtija preċedentement fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Dr. Lawrence Pullicino*** tas-7 ta' Frar 1991, qieset it-tifsira ta' proċeduri kriminali fil-parametri tal-artikolu 104 tal-Kodiċi Kriminali u qalet hekk : -

> trattandosi ta' ligi kriminali, kull interpretazzjoni ghandha tkun ristrettiva u jekk il-ligi, apparti mill-fatt illi fix-short title tirreferi ghal kawza kriminali

> u mbaghad fit-test proprju tirreferi ghal "proceduri kriminali dwar delitt suggett ghal piena aktar mill-piena ta' prigunerija ghal zmien sentejn", il-Qorti ghandha toqghod ghal din id-direzzjoni u ma tistax konsegwentement tasal ghal konkluzjoni li l-proceduri li kienu intizi biex jigi rrevokat id-digriet ta' l-ghoti tal-liberta' provvisorja jistghu b'xi mod jigu kkwalifikati bhala procedura kriminali dwar delitt suggett ghal piena akbar mill-piena ta' prigunerija ghal zmien sentejn...
>
> L-artikolu 108 tal-Kodici Kriminali ma jista' qatt jigi mifhum b'mod illi fejn il-ligi tghid "jahlef il-falz quddiem Magistrat jew quddiem ufficjal iehor li jkollu s-setgha bil-ligi li jaghti l-gurament", kienet qieghda tintendi tinkludi ukoll Imhallef li jkun qed jippresjedi fi proceduri civili u kriminali. Anke s-sens logiku ta' l-istess disposizzjoni jindika illi l-artikolu 108 huwa intiz biex jaghmel tajjeb ghal kazijiet li ma jkunux jaqghu taht xi wiehed, jew iehor mill-artikoli 104, 105 u 106 tal-Kodici Kriminali. Infatti, eliminata l-figura tal-Magistrat minghajr ma hemm imsemmija specifikatament il-figura ta' l-Imhallef, mhuwiex possibbli li wiehed jimmagina illi l-legislatur kellu f'mohhu li distintament isemmi lill-Magistrat u ma jsemix lill-Imhallef, minhabba l-fatt li Mhallef huwa kompriz fit-terminologija "ufficjal iehor".

10. Illi fl-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Joseph Zammit*** deċiża fis-26 ta' Marzu 2015, din il-Qorti diversament presjeduta ikkunsidrat li

> L-artikolu 108(1) tal-Kap 9 jghid testwalment "Kull min, f'kull kaz iehor mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta'dan is-sub artiklu, jahlef il-falz quddiem Imhallef, Magistrat jew quddiem ufficcjal iehor li jkollu s-setgha bil-ligi illi jaghti gurament jehel ...". L-artikoli ta' qabel jirreferu ghal spergur f'kawzi kriminali, spergur f'kawzi kriminali ohra, spergur f'kawzi civili u spergur minn perit jew interpretu. Ghalhekk dan l-artikolu 108 jeskludi dawn is-sitwazzjonijiet u b'mod generiku jirreferi biss "f'kull kaz iehor ...". Din tfisser kwalunkwe cirkostanza ohra fejn persuna tiehu gurament ghal xi raguni jew ohra, basta dan il-gurament jittiehed quddiem Imhallef jew Magistrat jew "quddiem ufficcjal iehor li jkollu s-setgha b'ligi illi jaghti gurament."

11. Illi din il-każistika tura li l-ipoteżi tar-reat tal-isperġur mogħtija taħt l-artikolu 104 tal-Kodiċi Kriminali hija differenti minn dik tal-ġurament falz imsemmija fl-artikolu 108 tal-Kodiċi Kriminali. Għalkemm ir-reat tal-ġurament falz huwa reat minuri għall-

isperġur, ma jistax pero jitqies li huwa kompriż u involut fir-reat tal-isperġur in kwantu l-*actus reus* huwa diffenti. Teżisti distinzjoni bejn dawn iż-żewġt ipoteżi ta' reat kif konfermat mis-sentenzi aktar il-fuq riportati li tmur lil hinn mill-pieni erogabbli fil-każ ta' sejbien ta' ħtija. Pero aktar minn hekk il-lokuzzjoni tal-artikolu 108 tal-Kodiċi Kriminali stess teskludi kompletament is-sitwazzjonijiet kontemplati fl-artikolu 104 u 105 tal-Kodiċi Kriminali.

12. Din l-esklużjoni tal-ipoteżi imsemmija fl-artikolu 108 tal-Kodiċi Kriminali tirrendi dawn l-imputazzjonijiet bħala, għal massimu, ipotizzabbli fl-alternattiva waħda għall-oħra u mhux komplimentarjeta fil-kundannatorja. Din il-Qorti jidhrilha li l-appellant ma setgħax jammetti kemm għall-ipoteżi tar-reat imsemmi taħt l-artikolu 104 u fil-kontemp jammetti wkoll għar-reat imsemmi fl-artikolu 108 tal-Kodiċi Kriminali. Kien jispetta lill-Prosekuzzjoni tispeċifika sewwasew liema ipoteżi tar-reat hija kienet qegħda tikkontesta lill-imputat appellant fil-*fattispecie* partikolari tal-każ. Jekk il-*fattispecie* kienu jitnisslu mill-istess fatt ġuridiku, allura din riedet tieħu nota ta' din l-inkompatibbilita naxxenti mill-esklussivita' imsemmija fl-artikolu 108 tal-Kodiċi Kriminali. Jekk il-fattispecie jitnisslu minn fatti separati u distinti minn xulxin, allura kien jispetta lill-Prosekuzzjoni li tispjega dan fil-Qorti. Fi kwalunkwe każ dan kellu jirriżulta mill-atti. Fl-atti ta' dan il-każ ma hemm xejn li jindika xi differenza fil-fatti li setgħet tiġġustifika il-ko-eżistenza ta' dawn iż-żewġt imputazzjonijiet. Mill-istat tal-atti, meqjusa fid-dawl tal-ġurisprudenza aktar il-fuq

imsemmija, l-imputazzjoni tal-isperġur kienet teskludi dik tal-ġurament falz u vice versa.

13. L-ammissjoni tal-imputat appellant kienet tikkomprendi ż-żewġt ipoteżi tar-reat taħt l-artikolu 104 u l-artikolu 108 tal-Kodiċi Kriminali indistintement. U din l-ammissjoni ġiet hekk segwita mill-Qorti tal-Maġistrati bis-sentenza kundannatorja tagħha. Din il-Qorti tqis li dan ma setgħetx legalment u raġonevolment tagħmlu. Ladarba ma ġiex verbalizzat li dawn ir-reati kienu qegħdin jiġu kontestati għal ipoteżi fattwali separati u distinti minn xulxin, allura jfisser li dawn l-imputazzjonijiet ma setgħux jikkoeżistu fl-ikkundannatorja u kellhom jiġu kontestati bħala alternattivi għal xulxin. Din l-alternattivita ma ġietx riflessa la fil-verbal tal-udjenza, la fl-ammissjoni reġistrata u l-anqas fis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Ifisser għalhekk li dik il-Qorti sabet ħtija b'mod indistingwibbli bejn dawn iż-żewġt reati.

14. Kif intqal mill-Imħallef William Harding fis-sentenza tal-Qorti Kriminali eżerċenti funzjoni t'appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Piju Gafa'*** tat-18 t'April 1959 :

> L-Ewwel Qorti sabet lill-imputat ħati, bla ma qalet pero ta liema miż-żewġ imputazzjonijiet dedotti in vija alternattiva, u li dippju' huma ta' xorta tali li waħda teskludi l-oħra;

Dan il-fatt kien, skont l-*interpretatio fori*, jwassal għan-nullita tas-sentenza, u in kwantu hija kwistjoni t'ordni pubbliku tali nullita' tista' tiġi invokata minn din il-Qorti *ex officio*.

# *Deċide*

Għaldaqstant, għall-motivi premessi, u wara li qieset in-natura tal-appell interpost, dil-Qorti qegħda tannulla u tħassar is-sentenza appellata u sabiex ma tipprivax lill-appellant mill-benefiċċju tad-*doppio esame*, il-Qorti qegħda tibgħat l-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati sabiex tisma' din il-kawża mill-ġdid u tiddeċiedi skont il-Liġi.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***